MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 139/1997/1

Roger Portelli u Antoinette mart Roger Portelli .

vs

Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, u
Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma s-sidien tal-fond ossia dar bla numru u bl-isem “Highfields”, Triq ta’ Luvier, Munxar, Ghawdex, li hija d-dar ta’ residenza taghhom ;

Illi l-atturi qeghdin jigu mhedda mill-Korporazzjonijiet konvenuti u cioe’ mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u mill-Korporazzjoni Enemalta li jigu sospizi l-provvista

tas-servizzi tal-ilma u tad-dawl fid-dar fejn jabitaw l-atturi minhabba pendenzi ta' arretrati fi hlasijiet ta' konsum tas-servizzi tal-ilma u tad-dawl fil-fond Duke of Edinburgh Hotel, 85 – 89 gia numru 109 – 113, Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, liema fond kien operat u gestit bhala lukanda mill-kumpanija anonima Restaurants & Hotels Caterers Company Limited u fl-interess esklussiv tal-istess socjeta kummercjali ;

Illi l-imsemmija lukanda Duke of Edinburgh Hotel ta' Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, kienet giet mikrija lis-socjeta' anonima Restaurants & Hotels Caterers Company Limited minn Paul Portelli missier l-attur Roger Portelli, bi skrittura ta' lokazzjoni tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar elf disa' mija u tlieta u sittin (1963) - *kopja tal-iskrittura markata dokument A* – u l-operazzjoni u l-gestjoni tal-lukanda baqghet tigi gestita minn u fl-interess esklussiv tal-istess kumpanija ;

Illi l-atturi personalment qatt ma kellhom jew kienu involuti fil-gestjoni u l-operazzjonijiet kummercjali tal-lukanda ;

Illi l-atturi personalment ma humiex responsabbli ghal pendenzi ta' hlasijiet li huma jew jista' huma dovuti mill-kumpanija Restaurants & Hotels Caterers Company Limited lill-Korporazzjonijiet konvenuti ghal konsum tal-provvista tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma u tal-kera tal-meters tal-istess servizzi fil-lukanda Duke of Edinburgh Hotel, Triq ir-Repubblika, Victoria ;

Illi l-fond Duke of Edinburgh Hotel, Triq ir-Repubblika, Victoria, ghadu bis-servizzi tad-dawl u tal-ilma izda l-Korporazzjonijiet qeghdin jheddu lill-atturi li sejrin jissospendu l-provvista tad-dawl u tal-ilma fid-dar ta' residenza tal-atturi meta ma huma u ma hemm dovuti ebda pendenzi ta' hlasijiet ghall-konsum tas-servizzi tal-provvista tad-dawl u tal-ilma fl-imsemmija dar u l-kontijiet tal-imsemmija servizzi tad-dar tal-atturi jinsabu kollha debitament imhallsa ;

Illi l-atturi htegilhom ghalhekk jitolbu u ottjenew il-hrug tal-opportun mandat ta' inibizzjoni kontra l-Korporazzjoni

ghas-servizzi tal-Ilma fl-ismijiet : **Roger Portelli et vs Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma (390/1997)** sabiex il-Korporazzjoni jew haddiema taghha tigi inibita milli taqta' jew tissospendi l-provvista tad-dawl u tal-ilma tad-dar ta' residenza tal-atturi u l-atturi qeghdin prezenzjalment jipprocedu biex jiddeducu t-talba taghhom gudizzjarjament fit-terminu preskritt mill-ligi .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li l-atturi ma humiex responsabbli ghal pendenzi ta' hlasijiet ta' arretrati tal-kontijiet tal-konsum tal-provvista tad-dawl u tal-ilma fil-fond Duke of Edinburgh Hotel, Triq ir-Repubblika, Victoria ;

2. Konsegwentement tinibixxi lil Korporazzjonijiet konvenuti milli jipprocedu biex jissospendu l-provvista tad-dawl u tal-ilma fid-dar ta' residenza tal-atturi "Highfields", Triq ta' Luvier, Munxar, Ghawdex, minhabba pendenzi ta' hlasijiet tal-arretrati fil-kontijiet tad-dawl u tal-ilma tal-lukanda imsemmija .

Bl-ispejjez inkluzi tal-mandat ta' inibizzjoni 390/97 u tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Ottubru 1994 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin .
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' l-attur Roger Portelli .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Chairman tal-Korporazzoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u Chairman tal-Korporazjoni Enemalta illi eccepew :

1. Illi din il-Qorti hija nkompetendti biex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza stante li l-konvenuti *Chairmen* ma jirrisjedux Ghawdex jew Kemmuna imma jirrisjedu f'Malta ;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ic-Chairman ta' l-Enemalta m'ghandux locus standi f'din il-

kawza stante li r-rikors ghall-mandat ta’ inibizzjoni numru 390/97, u konsegwentement id-digriet moghti fl-1 ta’ Lulju, 1997 saru kontra l-eccipjent Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-ilma biss ;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-imsemmi digriet ta’ din il-Qorti ta’ l-1 ta’ Lulju, 1997, huwa null u minghajr ebda effett fil-konfront ta’ l-eccipjenti ;

4. Illi fil-mertu, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, hija l-ligi stess li tawtorizza lill-Korporazzjonijiet konvenuti jissospendu l-provvista ta’ l-ilma u ta’ l-elettriku ;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont ta’ flus mitlub mill-Korporazzjonijiet konvenuti huwa dovut mill-attur personalment;

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi ;

7. Salvi eccezzjonijiet ohra, u salv kull azzjoni spettanti lill-Korporazzjonijiet konvenuti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti mahlufa minn Rita Cutajar .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Rat il-verbal taghha ta’ l-20 ta’ Marzu 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzonijiet preliminari tal-konvenuti .

Ikkunsidrat :

Illi bl-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom il-konvenuti eccepew il-*privilegium fori,* u dana peress illi z-zewg Chairmen jirrisjedu f’Malta . L-atturi ma jidhirx illi qeghdin jikkontestaw bhala fatt illi l-konvenuti tassew jirrisjedu fil-gzira ta’ Malta, u ghalhekk jidher *prima facie* illi a tenur ta’ l-artikoli 767 u 745(f) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) kellhom dritt li jigu mharrka fil-

Qorti ta’ Malta . Pero’ fil-kawza prezenti l-atturi qed jitolbu *inter alia* li l-konvenuti jinzammu milli jipprocedu biex jissospendu l-provvista tad-dawl u tal-ilma fid-dar tar-residenza taghhom, minhabba pendenzi ta’ hlasijiet ta’ arretrati fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-lukanda imsemmija fic-citazzjoni . Infatti din l-istess kawza kienet saret in segwitu ghal mandat ta’ Inibizzjoni mahrug kontra l-konvenut Chairman tal-Korporazzjoni tas-Servizzi ta’ l-Ilma, wara theddida da parti tal-Korporazzjoni minnu mmexxija li jinqatghu dawn is-servizzi jekk ma jsirx il-hlas mitlub .

Permezz ta’ l-artikolu 770 tal-Kap. 12, il-jedd tal-konvenut li jigi mharrek fil-gzira fejn jirrisjedi jispicca jekk il-kawza tkun tirrigwarda obbligazjoni li skond il-ftehim kellha tigi esegwita fi gzira partikolari . Huwa minnu illi f’’kaz bhal dak in ezami ma jistax jinghad illi qatt kien hemm xi kwalita’ ta’ ftehim espress bejn il-kontendenti dwar l-obbligazzjonijiet reciproci taghhom . Madankollu min-natura stess tas-servizzi moghtija lill-individwu li jkun applika ghall-istallazzjoni ta’ dawn is-servizzi, normalment ikun hemm intiza implicita illi l-korporazzonijiet rispettivi jipprovdu s-sevizzi mitluba fil-post indikat, filwaqt illi l-konsumatur jintrabat illi jhallas ghas-servizzi moghija lilu .

Il-kaz illi ghandha quddiemha l-Qorti ghall-konsiderazzjoni taghha jirrigwarda s-sospensjoni ta’ dawn is-servizzi lill-atturi fir-residenza taghhom gewwa l-gzira ta’ Ghawdex . Huwa car ghalhekk illi s-servizzi nghataw Ghawdex u kienu qed jitgawdew go Ghawdex ukoll . Di piu’ l-korporazzjoni konvenuta Water Services Corporation tipprovdi ufficcini fejn isiru l-pagamenti ghaz-zewg servizzi gewwa Ghawdex ukoll . Huwa mifhum illi l-atturi bhal ma jaghmlu r-residenti regolari kollha fil-gzira Ghawdxija, kienu jaghmlu l-hlasijiet ghall-istess servizzi fl-ufficcju illi l-Korporazzjoni ta’ l-Ilma ghandha gewwa r-Rabat, u ma ngiebet ebda prova fil-kuntrarju . L-istess is-servizzi tad-dawl u l-ilma fil-lukanda msemmija fic-citazzjoni necessarjament kienu jinghataw fil-gzira ta’ Ghawdex, u fin-nuqqas ta’ prova kuntrarja, huwa prezunt ukoll illi d-diretturi taghha kienu jaghmlu l-pagamenti dovuti dwar

dawn is-servizzi fl-istess ufficcju tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma f’Ghawdex .

Minn dan kollu johrog illi n-negozji guridici involuti f’din il-kawza, fil-parti preponderanti taghhom, jekk mhux ukoll ghal kollox, permezz ta’ ftehim implicitu li jirrizulta min-natura stess tas-servizzi pprovduti, kellu jitwettaq u jigi esegwit fil-gzira ta’ Ghawdex, b’tali mod li gie res applikabbli l-artiolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispicca l-*privilegium fori* tal-konvenuti . Din l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk respinta .

Bit-tieni eccezzjoni qed jinghad illi l-konvenut Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta m’ghandux *locus standi* f’din il-kawza u dan ghaliex il-mandat ta’ Inibizzjoni li ppreceda din il-kawza inhareg biss fil-konfront tal-konvenut l-iehor . Huwa minnu illi l-Mandat ta’ Inibizzjoni ndikat fic-citazzjoni kien inhareg biss kontra l-konvent Chairman tas-Servizz ta’ l-Ilma, imma dan gara ghax it-theddida tal-qtugh tas-servizzi kienet saret mill-istess korporazzjoni bhala responsabbli mill-gbir tad-debiti dovuti liz-zewg korporazzjonijiet u dana a tenur tal-ligi li taghtiha l-poter li tohorg il-kontijiet u tigbor dak dovut anke lill-Korporazzjoni Enemalta . B’daqshekk ma kien hemm xejn xi jzomm lill-atturi milli jharrku wkoll, kif fil-fatt ghamlu lic-Chairman ta’ l-Enemalta, ghax wara kollox jekk jigi biex jinqata’ d-dawl fir-residenza ta’ l-atturi, wiehed ghandu jifhem illi x-xoghol mehtieg ser isir mill-impjegati ta’ din il-korporazzjoni u mhux minn dawk tal-korporazzjoni li tipprovdi s-servizzi ta’ l-ilma . Din l-eccezzjoni qed tigi wkoll ghalhekk michuda .

Dwar it-tielet eccezzjoni tan-nullita tad-digriet ta’ l-1 ta’ Lulju 1997, presumibilment dak li bih intlaqghet it-talba ghal-hrug tal-mandat ta’ Inibizzjoni msemmi fic-citazzjoni, ma ngiebet ebda prova u lanqas ma nghatat ebda indikazzjoni dwar ir-raguni ghaliex il-konvenuti qeghdin jippretendu li tezisti din in-nullita’ . F’tali cirkostanzi din l-eccezzjoni qed tigi michuda wkoll .

Ghaldaqstant tiddecidi dwar it-tliet eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti hawn fuq indikati, billi tichad l-

istess eccezzjonijiet u thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni fuq il-mertu .

L-ispejjez jibqghu riservati ghas-sentenza finali .
S13997Pc

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------